**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 15/22**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Dennis Gatt**

Illum it-23 ta' Mejju 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq taht arrest Lil **Dennis Gatt** iben Tarcisio u Cecilia nee' Ciappara imwieled Hal Qormi nhar is-07 ta' Marzu 1977, residenti gewwa 38, Patras, Triq ir-Rixtellu, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' **211277M**.

Billi inti akkuzat talli nhar il-11 ta' Novembru 2021 u fil-jiem, gimghat u xhur ta' qabel din id-data, minn gewwa l-istabbilimenti '*Pull & Bear*' sitwati gewwa Sliema u l-Belt Valletta;

1. Ikkommettejt serq ta' flus kontanti liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bil-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin

euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Nicholas Spiteri Paris u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U kif ukoll talli dawwart bi profitt għalik, waqt li kont qieghed topera bhala kaxxier gewwa l-imsemmija stabbilimenti, is-somma li tiskorri elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet f'data jew ikkunsinnata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ghad-dannu Nicholas Spiteri Paris u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-waqt li nesebbixxi estratt mill-Att tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imsemmi **Dennis Gatt**, nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar is-6 ta' April 2022 l-imputat iddikjara li kien hati u irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsulta ma' l-avukat ta' fiducja tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputat.

Rat ukoll illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhuiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma soddisfacjentement ippruvati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena fl-udjenza tas-6 ta' April 2022.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-6 ta' April 2022 din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata minn din il-Qorti, tqis, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat hija netta u ma jinsabu ebda sentenzi registrati kontrih.[1]
- L-imputat irregistra ammisssjoni fl-ewwel udjenza u fl-iktar stadju bikri qabel ma l-prosekuzzjoni kienet lahhqet ressqet xhieda u provi.

  Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni

[1] Folio 8 ta' l-atti processwali

tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[4] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[5]

Ghaldaqstant jista' jinghad li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti.

- Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi.
- L-imputat wera li lest li jaghmel tajjeb ghal flus li hu seraq hekk kif gie ikkonfermat fl-istqarrija tieghu.[6]
- Mill-istess stqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat ikkoopera mal-pulizija tul l-investigazzjoni u dan gie wkoll ikkonfermat mis-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni.
- Fis-sottomissjonijiet dwar il-piena, il-prosekuzzjoni tenniet li din il-Qorti ghandha tikkunsidra li ma taghtix piena karcerarja fil-konfront ta' l-imputat izda minflok ghandha tinghata Ordni ta' Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal-perjodu ta' sentejn.
- Id-difiza tabbraccja din is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni u qablet fis-shih mal-piena suggerita lill-Qorti
- Illi filwaqt li l-Qorti mhijiex bl-ebda mod marbuta ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza tara li din il-piena hija wahda legalment proponibbli u fil-parametri tal-ligi skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[2] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[3] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[4] Thomson Reuteurs, S-29
[5] Blackstone Press Limited – 2006 edition
[6] Folio 4 ta' l-atti processwali

- Fis-sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni, l-prosekuzzjoni tenniet li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ta' l-ewwel imputazzjoni kif ukoll li gew rikoverati l-flus kollha li nsterqu.

- Illi dan ir-reat sehh meta l-imputat kien jahdem bhala kaxxier gewwa negozju tal-hwejjeg. Illi waqt li kien fdat f'xogholu irrizulta li fl-istess hin kien qed jisraq mill-istess hanut. Illi certament li hawnhekk kien hawn ksur ta' fiducja wara li kien fdat mis-sid f'xogholu. Illi dan is-serq sar kollu ghad-detriment tas-sid tan-negozju li sofra telf ta' dan l-agir.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-ammont li gie misruq u l-fatt li sar a dannu ta' persuna li kienet qed timpjega lid-derubant. Ghaldaqstant ir-reat huwa meqjus aggravat, bl-aggravji tal-valur u tal-persuna u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 280(1) tal-Kodici Kriminali.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku u dan fid-dawl tac-cirkostanzi ta' kif sehh il-kaz.

- Il-Qorti wara li qiedet ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li l-piena karcerarja b'mod effettiv mhux ser ikun

l-iktar piena idonea f'dan il-kaz u li piena li hija alternattiva ghall-inkarcerazzjoni irrenda iktar rizultat tenut kont il-fatt li l-Qorti trid hares lejn ir-riforma tal-persuna.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(1), 281(a), 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Dennis Gatt, fuq ammissjoni tieghu stess, **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Illi kwantu ghall-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja f'dan l-istadju ma hix ser thalli il-frott illi wieħed jkun qed jistenna anzi il-kuntrarju. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu c-cirkostanzi mehtiega u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa nteress tas-socjeta u tal-imputat li il-hati jitqieghed taht Ordni ta' Probation.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghall-perjodu ta' sentejn millum b'dan li ghal dan l-iskop qeghda tordna li l-hati jitqieghed taht is-sorveljanza t'Ufficjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

A tenur tal-Artikoli 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Il-hati jiddikjara li jaqbel ma' tali ordni. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum nhar it-23 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**